

Il-Papa Franġisku qed jistedinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-parroċċi tagħna, animati minn spirtu missjunarju, ikunu l-post fejn il-komunità tkun xhieda ta' fidi u ta' karità.

**Qari:** Silta minn kitba ta' Fr Paul Chetcuti s.j.

Alla jbierek xi knisja nies! Kemm għandna nsara!
U biżżejjed tiftaħ radju jew gażżetta: dak qatel, dak seraq, dak jgħajjar, dik bidlitu…
Viva l-firda!... Viva l-mibegħda!... Min jiflaħ jagħti, min ma jiflaħx ibati!
Imma b'min qed ngħaddu ż-żmien? X'insara aħna?
Qatt waqaft issaqsi lilek innifsek: int x'nisrani int?
Għax laħqu għammduk meta kont żgħir? Għax issa hekk drajt? Għax hekk suppost?
Int NISRANI TAR-RANKATURA?
Ħalli ngħidlek x'inhu nisrani tar-rankatura.
Titwieled tarbija - majjistra, nappies, twerżieq u magħmudija! Bdiet ir-rankatura. Għax it-trabi minn dejjem għammidnihom. Allura, bla ma nfittxu li nifhmu, ngħammdu tagħna wkoll... Mhux hekk suppost?
Mas-sitt snin naħsbu għall-preċett - libsa bajda, ċfuf u ġilji... u, s'intendi, tar-ritratti! U hekk bdejna mmorru l-Quddies. Kif, għaliex, x'ifisser sewwa ma nifhmux. Basta mmorru l-Quddies ... Mhux hekk suppost?
Iż-żmien jgħaddi …… U r-rankatura tibqa' miexja ……
Jeħtieg li din l-istorja tinbidel.
Jeħtieġ li tqum u tara sewwa għaliex temmen u f'hiex temmen.
Kun nisrani għax taf taħseb. Ħobb il-Knisja għax hi Ommok, għax hi Kristu nnifsu ħaj f'pajjiżek.
KUN NISRANI GĦALIEX TITLOB U GĦAX TĦOBB!
Min iħobb mingħajr ma jitlob, żgur jispiċċa biex ma jħobbx.
Min jitlob bla ma jħobb, …. huwa semplici faċċjol!

Mulej, il-Papa Franġisku qed jitlobna sabiex il-parroċċi tagħna,
animati minn spirtu missjunarju,
ikunu l-post fejn il-komunità tkun xhieda ta' fidi u ta' karità.
Imma tgħid għaliex il-Papa Franġisku qed jitlobna sabiex nitolbu għall-parroċċi?
Naħseb li għax hu jemmen bis-sħiħ li aħna għandna ngħixu l-vanġelju,

mhux bil-kliem biss, iżda bil-fatti; billi noffru mill-ħin tagħna,
billi nkunu preżenti għall-oħrajn, l-iktar meta dawn ikunu fil-bżonn.
Il-Papa qed jitlobna biex ma nkunux, kif qal Fr Chetcuti,
INSARA TAR- RANKATURA.
U jien x'jien Mulej? Nisrani tar-rankatura jew nisrani impenjat?
Nisrani li jkun hemm għall-oħrajn jew nisrani li jaħseb biss fih innifsu?
Nisrani li jitlob bis-serjetà jew li jmur u jitlob xi talb għax imdorri?
Tgħid jien nisrani li jħalli lil Mulej, imexxih fejn irid Hu?
Jew jien nisrani li nagħmel dak li jaqbel lili,
dak li ma jiskomodaniex, dak li ma joħodliex il-ħin b'prezzjuż tiegħi?
Mulej xi kultant nibża' li f'ċerti perjodi jew mumenti f'ħajjti
nkun nisrani tar-rankatura;
immur il-quddies, nitlob u nagħmel l-affarijiet għax drajt.
u forsi, jekk nitħajjar nagħmel xi ħaġa,
ikun hemm drabi meta nagħmilhom b'nofs qalb.
Nitolbok Mulej, għinni nifhem li meta ngħid
li nkun qed nagħmel parti minn parroċċa,
inkun qed nifhem tassew li jien parti minn komunità,
li taf tħobb bis-serjetà, li lesta li tagħti mill-ħin tagħha
biex taqdi lill-oħrajn, biex turi l-imħabba tagħha lejn l-oħrajn.
Għinni nifhem li l-ħajja tiegħi ta' nisrani tkun
xhieda tal-imħabba tiegħi lejk u lejn il-membri tal-komunità,
imħabba li tkun trid tissarraf f'solidarjetà mal-oħrajn.

**KANT**

**Qari:** Mill-Evangelii Gaudium Paġna 21 Numru 24

Il-Knisja li "tmur lil hinn" hija komunità ta' dixxipli missjunarji li jieħdu l-ewwel pass, li jinvolvu ruħhom, u li joffru appoġġ lill-oħrajn, li jagħmlu l-frott u jiċċelebraw. Il-komunità li tevanġelizza tagħraf li l-Mulej hu dak li ħa l-inizjattiva, li jħobbna qabel ma ħabbejnih (ara 1 Gw 4:19), u għalhekk din il-komunità tista' timxi 'l quddiem, u kapaċi tieħu l-inizjattiva bla ma tibża', toħroġ tiltaqa' mal-oħrajn, tmur tfittex lil min hu mbiegħed, u tmur sa salib it-toroq u tilqa' lill-imwarrbin. Din il-komunità qatt ma tixba' turi ħniena bla tarf, u dan ġej mill-fatt li hi stess daqet mill-ħniena infinita tal-Missier u l-qawwa tiegħu bla tarf. Ejja nippruvaw bis-serjetà li nagħmlu l-ewwel pass u ninvolvu ruħna iktar. Ġesù ħasel ir-riġlejn tad-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu,

hekk kif jinżel għarkuptejh biex jaħslilhom riġlejhom. Huwa jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:17). Il-komunità li tevanġelizza, b'għemejjel u ġesti, tidħol fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn, tqassar id-distanzi, titbaxxa sal-punt tal-umiljazzjoni jekk hemm bżonn, u tħaddan il-ħajja umana, tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu. L-evanġelizzaturi għalhekk għandhom ir-"riħa tan-nagħaġ" u dawn "in-nagħaġ" ikunu lesti li jisimgħu leħinhom. Il-komunità li tevanġelizza toffri appoġġ, tieqaf man-nies f'kull pass li jagħtu fit-triq, minkejja li t-triq tista' tkun diffiċli jew twila.

Mulej, qed ngħixu ħajja kollha ġiri u ġenn. Kulħadd iħossu li mhux qed ilaħħaq.
U l-Papa jgħidilna li:- *Il-Knisja li "tmur lil hinn" hija komunità ta' dixxipli missjunarji*
*li jieħdu l-ewwel pass, li jinvolvu ruħhom, u li joffru appoġġ lill-oħrajn.*
U meta qed jgħid hekk, qed jgħid ukoll
li aħna bħala membri ta' parroċċa, rridu nkunu hekk ukoll;
irridu nkunu bħall-Appostli u l-ewwel insara,
li n-nies kienu jagħrfuhom mill-imħabba kbira li kellhom lejn xulxin.
U xi tfisser li tkun missjunarju? Mhux li tkun preżenti għall-oħrajn?
Wara kollox mhux hekk jagħmlu l-missjunarji?
Jitilqu kollox warajhom u jmorru jagħtu ħajjithom u ħinhom
lil min għandu bżonn l-appoġġ, kif ukoll il-bżonn li jisma' l-bxara t-tajba.
U l-Papa jżid li l-parroċċi għandhom ikunu *xhieda ta' fidi u ta' karità.*
Mulej, u l-fidi tiegħi f'hiex tissarraf? Fi kliem jew azzjoni u impenn?
U l-karità kif nuriha? Billi ndeffes idi fil-but?
Jew bħall-missjunarju, noffri l-ħin tiegħi u l-enerġija tiegħi
biex nuri l-appoġġ u s-solidarjetà tiegħi mal-oħrajn?
Kapaċi nersaq lejn min hu mbiegħed, lejn min iħossu waħdu,
lejn min iħossu mwarrab? Qed ninvolvi ruħi fil-ħajja ta' min hu fil-bżonn?
Jien bħar-ragħaj, li kif qal il-Papa Franġisku, għandi r-riħa tal-merħla?
Jew tant ngħix ħajja distakkata minn din ir-realtà,
Li lanqas biss naf x'riħa jkollha n-nagħġa l-mitlufa,
in-nagħġa midruba, in-nagħaġa mġewwħa?
Qed immiss *il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu*?
Jew qed inwarrab kull fejn nara li hemm bżonn li nxammar il-kmiem?
Qed nintilef wara x-xejn u mbagħad ngħid li m'għandiex ħin għall-oħrajn?
Għinni Mulej ħalli nifhem x'jiġifieri narak fil-batut,
x'jiġifieri nħobbok u naqdik fl-oħrajn.
Għinni ħalli nkun lesta li nissaggrifika lili nnifsi biex nagħti sapport lill-oħrajn.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej timliena bil-kuraġġ biex nintelqu f'idejn l-Ispirtu s-Santu sabiex Hu jgħinna nipperseveraw fil-fidi u nkunu xhiedha fil-ħajja tagħna ta' kuljum tal-imħabba kbira tiegħek. Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex tnissel il-kuraġġ fil-qlub ta' dawk li jemmnu u biex timla' l-ħajja tagħna bil-qawwa tal-konvinzjoni u l-persważjoni.
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk sabiex tinkuraġġina biex ngħelbu n-nuqqas ta' twemmin fik u l-indifferenza lejn ħutna.B'hekk ma nibżgħux nikkommettu ruħna u nkunu t'appoġġ ma' min ikollu bżonn.
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej nitolbuk sabiex ma nfittxux li ngħixu ħajja egoista. Għinna ħalli nkunu kapaċi nimpenjaw ruħn biex ngħinu, u mhux nkunu persuni li jaħsbu għal rashom biss.
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Il-Papa qali li *hija l-imħabba li tmexxi l-fidi, u l-fidi min-naħa tagħha, ssir il-premju tal-imħabba.* Għinna Mulej, ħalli l-fidi tagħna tkun qawwija u soda, biex b'hekk nkunu xhieda tal-imħabba tagħna u ta' Alla għall-oħrajn
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Fl-aħħar nett nitolbuk Mulej sabiex aħna nsaħħu l-fidi tagħna bit-talb, talb li jressaqna lejn il-qalb ta' Ġesù, li jdewwaqna l-imħabba kbira tiegħu u li jibdilna f'dixxipli vera tiegħu.
Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**